# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| IT-TIENI SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A: Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba.**

1. Soċjetà hi magħmula minn (nies kollha l-istess, nies differenti, nies differenti imma b'affarijiet komuni).
2. Bniedem li jaċċetta lil ta' madwaru anke jekk dawn differenti minnu jissejjaħ (egoist, tolleranti, ġifa).
3. Fuq il-karta ta' l-identità nsibu (informazzjoni dwar il-pajjiż, informazzjoni dwar il-ġara, informazzjoni dwarna nfusna).
4. Għajnuna reċiproka tfisser (wieħed jgħin lill-ieħor, ħadd ma jgħin lil ħadd, ngħin biss lill-ħbieb).
5. Bniedem egoist (jaħseb f'ħaddieħor, jaħseb fih innifsu biss, iħobb jgħin lil ta' madwaru).
6. Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni hu (tagħlim li jippreparana għall-ħajja soċjali, dak li jneħħilna l-libertà, ħażin għall-ambjent).
7. Ir-rwol tiegħi hu (ix-xogħol tiegħi, l-opinjoni tiegħi, id-dritt tiegħi).
8. Għaqda volontarja tikkonsisti minn (nies li jaħlu l-ħin, nies li jaħdmu bla ħlas, nies li jattendu f'dik l-Għaqda bilfors).
9. Opinjoni hija (fatti, l-idea tiegħi, idea li kulħadd jaqbel magħha).
10. Il-parlament hu (fejn isiru l-liġijiet, fejn tingħata kura għas-saħħa, fejn jinstemgħu każijiet kriminali).

**Total 10 marki**

**Taqsima B : Ikteb veru jew falz.**

1. L-iskola tkompli ssaħħaħ it-tagħlim li nieħdu mill-familja. __________
2. Ir-riċiklaġġ jagħmel ħsara lill-ambjent. __________
3. Il-bniedem maħluq biex jgħix waħdu. __________
4. Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni jagħmel ħsara lis-soċjetà. __________
5. Għandek taċċetta l-opinjonijiet ta' l-oħrajn anke jekk dawn ma jaqblux ma' tiegħek. __________
6. Fis-soċjetà kulħadd għandu dritt għax-xogħol. __________
7. Partit politiku fil-gvern għandu t-tmexxija ta' pajjiż f'idejh. __________
8. Il-kultura ta' pajjiż tagħtih identità. __________
9. Meta nużaw ħafna riżorsi ta' enerġija nagħmlu ħsara lill-ambjent. __________
10. Grupp jiffunzjona sew meta jkollu membri egoisti. __________

**Total 10 marki**

**Taqsima Ċ : Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| edukazzjoni formali | multi-kulturali | kostituzzjoni | partit politiku | tolleranti |
| dmir | soċjevoli | obbligatorja | teknoloġija | identità Maltija |

1. Il- ________________________________ ta' Malta hija ġabra ta' liġijiet.
2. Il-progress iġib miegħu użu akbar ta' ________________________________.
3. L-iskola f'Malta għat-tfal bejn il-5 u s-16-il sena hija ________________________________.
4. Bniedem li jaf iġib ruħu ma' ta' madwaru jissejjaħ ________________________________.
5. Dak li int mistenni li tagħmel jissejjaħ ________________________________.
6. Bniedem li jaċċetta lil dawk differenti minnu jissejjaħ ________________________________.
7. Grupp ta' nies li jkollhom twemmin politiku u jikkontestaw l-elezzjoni jissejjaħ

   ________________________________ .
8. Il-ġabra ta' drawwiet u tradizzjonijiet u l-lingwa ta' pajjiżna jagħtuna

   ________________________________ .
9. Bin-numru kbir ta' barranin li għandna f'pajjiżna qed insiru pajjiż ________________________.
10. It-tagħlim li nieħdu fl-iskejjel ngħidulu ________________________________ .

**Total 10 marki**

**<u>Taqsima D : Agħti tifsira ta' dawn li ġejjin:</u>**

1. Identità personali
2. Is-soċjalizzazzjoni
3. Nies qiegħda
4. Id-diversità
5. L-interazzjoni soċjali
6. Konflitt
7. Għaqda volontarja
8. Kunsill lokali
9. Normi
10. Mezzi ta' komunikazzjoni

**Total 20 marka**

**Taqsima E : Ir-rwol tiegħi.**

Ir-rwol tiegħi jfisser is-sehem li għandi f'ħajti bħala membru mis-soċjetà li ngħix fiha, għax jien nifforma parti minn ħafna gruppi soċjali differenti.

Semmi żewġ (2) responsabilitajiet li għandek int :

1. Fil-familja tiegħek ____________________ ____________________
2. Fil-klassi ____________________ ____________________
3. Fl-iskola ____________________ ____________________
4. Fil-belt jew raħal fejn toqgħod ____________________ ____________________
5. Bħala membru ta' grupp sportiv ____________________ ____________________

**Total 10 marki**

**Taqsima F : L-Ambjent.**

1. Hemm żewġ tipi ta' ambjent: dak naturali u dak soċjali. Uri li taf id-differenza ta' bejniethom.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

4 marki

2. B'liema mod il-bniedem qed jagħmel ħsara lill-ambjent ta' madwaru?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

5 marki

3. X'jista' jagħmel il-bniedem biex jieħu ħsieb l-ambjent?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

5 marki

4. Semmi xi affarijiet prattiċi li nistgħu nagħmlu aħna fil-ħajja tagħna ta' kuljum biex innaqqsu l-ħsara fl-ambjent.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6 marki

**Total 20 marka**

**Taqsima Ġ : Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 150 kelma dwaru :**

1. Kull dritt hu marbut ma' dmir. Ikkummenta.

2. Barra mill-edukazzjoni formali aħna nitgħallmu wkoll permezz ta' l-edukazzjoni informali. Iddiskuti.

3. Ikteb dwar xi gruppi soċjali li int membru fihom.

**Total 20 marka**